# Rapport Amministrattiv tas-sena 2012.

## Bidla fil-leġislatura

Wara l-elezzjonijiet tal-10 ta' Marzu, mill-1 t'April 2013 bdiet leġislatura oħra fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi.

Il-kunsilliera Jerome Busuttil u Edward Bonello ma baqgħux fil-Kunsill Lokali u minflok daħlu l-kunsillier is- sur Carlo Stivala u l-Viċi Sindku l-ġdid is-sur Johan Mula. L-eks Sindku, is-sur Pietru Pawl Busuttil u l-eks Viċi Sindku, is-sur Publius Abdilla baqgħu fil-kunsill bħala kunsilliera, wara li s-sur Francis Callus, illi diġa kien kunsillier fl-aħħar leġislatura, sar is-Sindku l-ġdid. Is-sur Anthony Attard kien is-Segretarju Eżekuttiv matul is-sena kollha. Is-sinjorina Doris Baldacchino li kienet fi Skala 13 telgħet għal Skala 11 u għamlet sena sħiħa ġol-Kunsill, waqt li s-sinjorina Josianne Grech ukoll baqgħet sena sħiħa. Dawn kienu l-impjegati kollha matul is-sena li kienu fil-payroll tal-Kunsill għal 2012.

## Laqgħat tal-Kunsill

Il-Kunsill iltaqa' għal 20 darba matul is-sena 2012 [+1 għal mozzjoni]. Is-Sindku, flimkien mal-kunsilliera, kienu preżenti għal kull laqgħa. Fl-ebda laqgħa, qabel jew wara l-bidla fil-leġislatura tal-Kunsill, ma kien hemm kunsillier nieqes minn seduta.

Saru wkoll bosta laqgħat ma' entitajiet u organizzazjonijiet li l-Kunsill ra benefiċċji grazzi għall-korrespondenza magħhom. Dawn jinkludu l-pulizija, kumpaniji privati, funds managers, awtoritajiet bħal tat-trasport, Transport Malta, eċċ.

## Proġetti li saru matul din is-Sena

- Żdied l-użu tas-Sala fejn issa qegħdin isiru:

    1. Lezzjonijiet tal-Ispanjol u t-Taljan [Life Long Learning Programme]
    2. Ġinnastika[1] u Żumba
    3. Day Centre[2]

[1] Bħas-snin preċedenti

4. Kors tad-Drama għat-tfal

- Summer League tal-football: Ipparteċipaw 11 it-tim f'dan it-turnament inawgurali tal-Kunsill

- Bidu tal-proġett tas-Southern Itenaries flimkien mal-MTA u l-kunsilli tal-Imqabba, Il-Qrendi, Żurrieq u Ħal Kirkop

- Kors tal-Piroteknika flimkien ma Kunsilli oħrajn wara li nkisbu fondi Ewropej mill-Unjoni Ewropeja mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop

**Applikazzjonijiet ta' fondi**

- Beda l-proċess għall-applikazzjoni għal fondi biex isir IT Room fil-Kunsill. Fl-2013 il-Kunsill għandu jkollu update rigward dawn il-fondi.

- Miżura 125 tal-Gal Xlokk: Il-Kunsill applika għal dawn il-fondi għall-manutenzjoni ta' tlett toroq [triq San Tumas, triq il-Ħlantun u triq Ta' Ġawħar]. Kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni bejn il-Gal Xlokk u l-kunsilli kollha li kienu leġibli biex japplikaw għal dawn il-fondi, kif ukoll bejn il-Gal Xlokk u l-kumanija li ħa t-tender biex jagħmel dan ix-xogħol u għalhekk sal-aħħar tas-sena l-Kunsill ma rċieva l-ebda aħbar positiva rigward dawn il-fondi

- Il-Kunsill applika għal diversi fondi mid-Dipartiment. Il-Kunsill talab għal fondi għall-attivitajiet sportivi, għal librerija, għall-attivita kulturali, kif ukoll biex isiru book boxes [libreriji zgħar fit-telephone boxes il-ħomor] madwar ir-raħal.

- Il-Kunsill baqa jinsisti fuq fondi għal:

    1. Child Care Centre[3]
    2. Ix-shelters[4]
    3. Il-Ġnien ta' Ball[5]
    4. Il-Playing Fields

izda s'issa ma rċevejna xejn għal dawn il-proġetti

---

[2] Bħas-snin preċedenti
[3] Il-Kunsill għadu qed jħallas l-amonti dovuti lejn il-Perit rigward dan il-proġett.
[4] Il-Kunsill għadu qed jħallas l-amonti dovuti lejn il-Perit rigward dan il-proġett.
[5] Il-Kunsill għadu qed jħallas l-amonti dovuti lejn il-Perit rigward dan il-proġett.

**Servizzi tal-Kunsill**

- Bulky Refuse: Hemm servizz ta' Bulky Refuse kull nhar ta' Sibt filgħodu. Dan kien qed isir kull nhar ta' Ħamis izda wara talba mill-kuntrattur il-Kunsill aċċetta li jibda jaħdem nhar ta' Sibt.

- Go Telephony: Il-Kunsill , bħas snin preċedenti, qed jagħti servizz fejn residenti jistgħu jiġu jħalsu l-kontijiet tat-telefon tal-Go fil-Kunsill. Il-Kunsill għamel rikwest biex isir l-istess tip ta' servizz għal Melita u MaltaPost imma minħabba raġunijiet differenti dawn ma setgħux isiru fis-sena 2012.

- Librerija: Il-librerija hija miftuħa kull nhar ta' Tnejn [5-7pm], l-Erbgħa [2.30-4.30pm], il-Ġimgħa [5-7pm] u s-Sibt [9-11am]. Fis-sajf il-ħinijiet tal-ftuħ kienu l-istess barra l-Erbgħa [10-12am]. Fit-2013 dawn il-ħinijiet jistgħu jinbidlu.

- Il-Kunsill ma jieħu l-ebda ħlas għas-servizzi li qegħdin isiru fis-sala [l-ewwel punt tal-proġetti]. Fil-fatt biex isiru korsijiet tal-LifeLong Learning, il-Kunsill kellu joħroġ ammont sustanzjali biex dawn il-klassijiet isiru għal ġid tar-residenti.

- Nursery: Il-Kunsill, flimkien mal-kowċes, ħadem ferm biex it-tfal igawdu n-nursery ta' Ħal Safi. F'2012 il-Kunsill sponsorja ħafna attivitajiet tan-nursery, waqt illi kompla joffri l-użu tal-grawnd għar-residenti, kif ukoll għan-nies ta' barra r-raħal [hemm ħlas ta' €25 fis-siegħa].

- GreenPak: Kull nhar ta' Tlieta l-GreenPak jiġbru l-boroz il-ħodor għall-iskart reċiklabbli.

- Sfortunatament l-IPSL ħadu l-ħaddiema li kienu qegħdin jagħtu servizz lil Kunsill Lokali ta' Ħal Safi. Il-Kunsill jiċħad kull akkuzz li rċieva fil-konfront tiegħu rigward ir-raġunijiet għalfejn ittieħdu dawn il-ħaddiema u se jkompli jiġġieled biex nieħdu l-kumpens wara din l-inġustizzja. Il-Kunsill xorta baqa jservi r-residenti billi ħa tlett ħaddiema tal-ETC biex jagħmlu dan it-tip ta' xogħol, kif koll bix-xogħol bla ħlas tas-Sindku u voluntiera tar-raħal.

- Il-Kunsill għamel użu t'applikant tal-ETC li ħadmet fil-Kunsill għal tlett xhur matul 2012.

- Il-Kunsill baqa jiftaħ kuljum matul il-ġimgħa bejn it-8am u l-5pm, kif ukoll is-Sibt bejn 8am u 11.30am. Fis-sajf il-ħinijiet tal-ftuħ kienu bejn it-8am u 1.30pm, waqt illi l-ħinijiet tas-Sibt baqgħu l-istess. Anki meta l-Kunsill kien 'short-staffed' fl-ebda ġurnata matul is-sena l-Kunsill staqsa permess biex jagħlaq għal xi ħin.

**Ħarġiet**

- Zabbar/Fort Rinella: L-eks Viċi Sindku Publius Abdilla organizza din il-ħarġa fi Frar.

- L-Imdina: Il-Viċi Sindku l-ġdid Johan Mula organizza din il-ħarġa f' Novembru.

- Captain Morgan: dawra ma' Malta/Kemmuna: Il-Viċi Sindku organizza ġurnata fuq il-vapur ta' Captain Morgan f'Lulju.

**Attivitajiet**

- Jum Ħal Safi: F'April il-Kunsill organizza l-festa annwali ta' Jum Ħal Safi. Fost l-attivitajiet kien hemm wine/pizza night, il-Premju Onorefiċenzja u show tat-talenti tat-tfal.

- Nursery: Il-Kunsill organizza l-End of Season tan-nursery għat-tfal li ġew għat-training matul l-istaġun.

- SkolaSajf: Il-Kunsill, bl-għajnuna tas-sinjorina Dorianne Zammit Briffa, organizza Skola Sajf fejn 'il fuq minn erbgħin tifel u tifla ħadu vantaġġ ta' din l-opportunita biex jitgħallmu, kif ukoll biex jieħdu pjaċir u jissoċjalizzaw, fiż-żmien tas-sajf.

- Il-Kunsill qassam 'hampers' għall-anzjani kollha li ma joħorġux mid-dar u lil Ħal Safin li huma residenti fid-djar tal-anzjani barra r-raħal. Il-Kunsill ukoll organizza parti għat-tfal tar-raħal kollu, kif ukoll ikla tal-anzjani ġos-sala tal-iskola, illi dawn iż-żewġ attivitajiet kienu suċċess kbir.

- F'Jannar saret serata Mużikali ta' Kanta Napoli.

**Kuntratti**

- Il-Kunsill ħareġ kwotazzjoni għas-servizzi:
    1. ta' Cleaner tal-Kunsill
    2. Cleaner tal-Public Convenience
    3. Perit/Contracts Manager
    4. Handyman

Il-Kunsill għamel talba wkoll sabiex jiġu kumpaniji tas-CCTV cameras biex jagħtu parir dwar x'tip ta' cameras għandna bzonn biex intejbu is-sigurta fir-raħal. Fl-2013 il-Kunsill se jibqa jaħdem fuq dawn is-suġġerimenti u joħroġ il-kuntratt meħtieġ.

**Accounts**

- Il-Kunsill kellu dħul ta' €256,132 fis-sena 2012. Minn dawn €244,032 kienu allokati mill-Gvern, €14,812 kienu minn kontravenzjonijiet, u €288 huma magħmulin minn interessi tal-Bank.

- L-infieq tal-Kunsill ammonta għal €257,135 matul is-sena fejn €173,351 kienu mħalsin għall-manutenzjoni u xogħolijiet oħra, waqt li €14,029 kienu spejjez dovuti għall-applikazzjonijiet tal-proġetti tal-Kunsill.

- L-accounts tal-Kunsill juru telf ta' €1003. Dan it-telf qed jidher għax:

1. Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali ħa lura €12,000 li ġew imħallsin fis-sena ta' qabel għall-użu ta' kamra fil-Kunsill izda m'għamlux użu tal-kamra wara l-ftehim
2. Kien hemm żieda ta' madwar €2000 fil-pagi tal-ħaddiema wara li ħadu l-arretrati għas-sena mogħtija mill-Gvern.
3. Kien hemm żieda fl-ammont ta' kuntratturi tal-Kunsill u ġġeddu ftit minnhom bi paga aħjar.
4. Il-Kunsill m'għadux jieħu l-flus tal-LES bħal qabel Settembru 2011. Għall-ewwel sena sħiħa l-Kunsill ħa t-10% 'administration fees' biss.

Għalhekk wieħed jista jara li fil-fatt il-Kunsill baqa konsistenti, u responsabbli, fejn jidħol l-infieq ġenerali tal-Kunsill. Skond il-previzjoni tal-financial statements, il-Kunsill ħa €29880 inqas mis-sena 2011 u neffaq €4640.67 izjed. Dawn l-ammonti jistgħu jiġu reviduti skont l-*audited financial statements* li jkunu ffirmati sal-aħħar t'April. Meta wieħed jikonsidra l-fatturi msemmin fil-punti hawn fuq, wieħed għandu jinotta li kien mistenni li jkun hemm telf fl-aħħar tas-sena u l-Kunsill għamel minn kollox biex dan it-telf jibqa minimu.

Anthony Attard
Segretarju Eżekuttiv
Ħal Safi